MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1040/2012

**Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited (C - 15314)**

**vs**

**Acorn Properties Limited**
**(C – 37361)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat is-17 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi bieghet u kkonsenjat konkos u materjal iehor tal-bini lis-socjeta` ntimata fuq inkarigu tal-istess socjeta` ntimata, bl-ahhar bejgh u konsenja tkun fis-26 t'April, 2010;

2. Illi s-socjeta` ntimata naqset li thallas is-somma minnha dovuta ghall-istess bejgh u konsenja ta' materjal *de quo* fl-ammont komplessiv ta' tmienja u tletin elf, tmien mija u erbgha u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€38,894.73), bilanc minn somma akbar;

3. Illi ghalkemm interpellata biex thallas l-ammont hekk dovut, l-istess socjeta` ntimata baqghet inadempjenti u konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kellha tirrikorri ghall-procedura odjerna biex din il-qorti:

i. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata thallas is-somma fuq gia` ndikata lis-socjeta` rikorrenti;

ii. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax dekorribbli mis-26 t'April, 2010, sad-data tal-effettiv pagament;

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors guramentat promotur;

Tirrileva li mat-tielet tentattiv is-socjeta` ntimata giet debitament notifikata skont il-ligi bl-istess rikors promotur u bl-avviz relattiv ghas-smiegh tal-kawza;

Rat il-verbal datat il-5 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu hemm irrilevat li s-socjeta` ntimata hi ndikata li spiccat f'kontumacja stante li ghazlet li ma tressaq l-ebda risposta fit-termini legali mposti statutorjament;

Semghet ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti li rega' kkonferma bil-gurament tieghu l-fatti kif esposti fir-rikors guramentat promotur fuq gia` ndikat;

Ikkunsidrat:

Illi konsegwentement jirrizulta sintetikament assodat is-segwenti:

1. Illi kien hemm relazzjoni kummercjali bejn il-kontendenti fejn is-socjeta` rikorrenti kienet tforni lis-socjeta` ntimata b'materjal ghall-bini u b'konkos – u dan,

fil-perjodu bejn il-25 ta' Novembru, 2009, sas-26 t'April, 2010, (ara fol 6 u 7);

2. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` ntimata lil dik rikorrenti akkumula tant li ghall-perjodu ndikat fil-paragrafu precedenti dan l-ammont tela' ghas-somma komplessiva ndikata mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha, (ara fol 1);

3. Illi nonostante li nterpellata diversi drabi, s-socjeta` ntimata baqghet ma saldatx l-ammont indikat fl-istess rikors guramentat promotur u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tipprocedi bil-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-kontumacja tas-socjeta` ntimata, u tal-fatt li mix-xhud mismugh u mid-dokumenti esebiti, hi sodisfatta li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti gew debitament ipprovati skont il-ligi;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

1. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata Acorn Properties Limited biex thallas l-ammont komplessiv ta' tmienja u tletin elf, tmien mija u erbgha u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu, (€38,894.73), lis-socjeta` rikorrenti Attard Blue Mix Concrete Supplies Limited;

2. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet skont il-ligi mis-26 t'April, 2010, sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-istess socjeta` ntimata fuq gia` ndikata.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------